MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1842/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**IES Computer Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm474.38), hlas ghal servizz moghti lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f’servizz ta’ approvazzjoni ta’ tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta’ Settembru 1998 u t-30 ta’ April 2001.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 8) u li permezz taghha eccepiet:

(1) Illi s-socjeta konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
(2) Is-socjeta attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta konvenuta u kwindi t-talbiet taghha ghandhom jigu michuda.
(3) Illi s-socjeta attrici ma tistax tippretendi l-ebda hlas minghand is-socjeta konvenuta stante li a tenur tal-artikolu 2 tal-Avviz Legali 200/1998 huwa r-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni li ghandu dritt illi jesigi l-hlasijiet hemmhekk imsemmija.
(4) Illi t-talba attrici hija almenu parzjalment preskritta a tenur tal-artikoli 2148(a) u/jew 2149(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16).
(5) Is-socjeta attrici ma esegwietx il-funzjonijiet li taghhom jista' jitlob hlas skond il-ligi.
(6) Bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz huwa eccessiv stante illi l-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type Approval biss. Kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah Type Approval.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta hija llum ezawrita in vista tal-korrezzjoni li giet awtorizzata fil-5 ta' Lulju 2002.

2. Illi dwar it-tieni u t-tielet ecezzjonijiet, dan it-Tribunal diga' kellu l-opportunita jaghti decizjoni parzjali (**Maltacom plc vs ICL Malta Limited** – Avviz numru 1847/01AE) fl-4 ta' Gunju 2002) fejn ikkonferma li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u li s-socjeta attrici kellha l-jedd li titlob hlas. Ghal kull buon fini u skans ta' ripetizzjoni, it-Tribunal qieghed jaddotta r-ragunament maghmul f'dik is-sentenza. Ghalhekk anke dawn l-eccezzjonijiet huma michuda.

3. Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni, fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) deciza fil-25 ta’ Settembru 2002, it-Tribunal diga kellu l-opportunita jiddikjara li l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) ma japplikax ghas-servizz ta’ approvazzjoin ta’ tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjoni. It-Tribunal qieghed ukoll f’dan ir-rigward jaddotta r-ragunament li ghamel f’dik is-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-kaz odjern is-socjeta konvenuta eccepiet ukoll li l-azzjoni tas-socjeta attrici hija preskritta ghat-tenur ta’ l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. Dan il-provediment jipprovdi ghall-preskrizzjoin bl-eghluq ta’ sentejn ghal: *“azzjonijiet ta’ l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu”*. Fil-fehma tat-Tribunal bl-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni ma jista’ jinghad li s-servizz moghti mis-socjeta attrici jikkonsisti fl-ezercizzju ta’ *“professjonijiet jew arti liberali ohra”*. Anke din l-eccezzjoni hija michuda. Il-fatt li l-approvazzjoni ssir minn impjegat tas-socjeta attrici li huwa professjonist, ma jfissirx b’daqshekk li ghandu japplika dan il-provvediment tal-ligi. L-inginier huwa mpjegat tas-socjeta attrici u l-hlas m’huwiex jintalab mill-inginier izda mill-principal tieghu.

4. B’riferenza ghall-hames u sitta eccezzjoni t-Tribunal jagheml ampjar riferenza ghas-segwenti sentenzi:

(a) **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) deciza fil-25 ta’ Settembru 2002;

(b) **Maltacom plc vs Sandro Lauri** (Avviz numru 1987/01AE) deciza fil-25 ta’ Settembru 2002;

(c) **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 2042/01AE) deciza fil-25 ta’ Settembru 2002.

5. Jibda biex jigi rilevat li dwar l-ahhar tlett items li jissemmew fid-dokument JA2, jidher li dan il-hlas diga' ntalab lill-kumpannija Island Engineering Services Ltd. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2002 u kkonferma li: *"b'riferenza ghal dawn it-tlett items, dawn diga' qeghdin jintalbu lil din il-kumpannija fi proceduri ohra. Riferenza tal-kawza hija: Maltacom plc vs Island Engineering Services Ltd"*. F'dan ir-rigwa rd it-Tribunal jemmen li dak li qal ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta huwa minnu u ghalhekk m'huwiex ser iqies l-ahhar tlett items li jissemmew fid-dokument JA2.

6. Filwaqt li r-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed li testijiet kienu jsiru fuq l-apparat, ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed: ***"samples qatt ma ntlabna niehdu lill-Maltacom plc. Qatt ma naf li gew mitluba l-burdnara jtellghu xi dokumenti maghhom ghand il-Maltacom plc. Jiena lanqas qatt tajt xi document lill-burdnara biex jiehduh lill-Maltacom plc"***. Min-naha l-ohra l-inginier Joseph Agius xehed dwar x'kien isir bhala prassi. Fil-fatt huwa xehed: *"Jiena naghmilha cara illi qed nixhed hawnhekk b'mod generali. Jigifieri x'kien jigri normalment. Ma nistax niftakar kull kaz partikolari"*. Minn din ix-xhieda jidher li min kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' Type Approval fis-socjeta attrici ma zammx *records*. Cirkostanza li tkompli taghmel l-affarijiet difficli, iktar u iktar meta t-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Min-naha l-ohra wiehed ma jridx jinsa li l-oneru tal-prova jinkombi fuq is-socjeta attrici li trid taghti l-prova ta' x'tip ta' servizz inghata. Hemm differenza bejn semplici ghoti ta' approvazzjoni u l-ghoti ta' approvazzjoni wara li jkun sar testijiet fuq l-apparat. It-Tribunal ma jistax jaghlaq ghajnejh u jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dak li jsir normalment. Is-socjeta attrici ghandha obbligu li tressaq il-provi b'riferenza ghal kull kaz partikolari u mhux tibbaza ruhha fuq dak li kien jigri normalment.

7. F'kull kaz it-Tribunal jemmen li xi tip ta' servizz kien qieghed jinghata mis-socjeta attrici. Irrizulta wkoll li s-

socjeta attrici kellha zewg impjegati fuq dan ix-xoghol (inginier u technician). It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tas-socjeta konvenuta li l-ghoti ta' Approvazzjoni ta' Tip dwar Taghmir tat-Telekomunikazzjoni wahedha m'huwiex bizzejjed sabiex jintalab il-hlas u jridu jsiru testijiet. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ghoti ta' l-approvazzjoni kienet *sine qua non* sabiex il-merkanzija tigi rilaxxata mid-Dwana. Fatt li huwa kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta nnifsu. Bl-ghoti ta' l-approvazzjoni s-socjeta attrici kienet qeghda tikkonferma (taht ir-responsabbilta taghha) li l-apparat li kien gie mportat kien konformi *"ma' l-istandardi li japplikaw ghal dak it-tip ta' apparat li minn zmien ghal zmien jinhargu mill-European Telecommunications Standards Institute [ETSI]"* (Artikolu 3 ta' l-Avviz Legali 219 ta' l-1998).

8. It-Tribunal jiddikjara wkoll li r-rati stabbiliti fl-Avviz Legali 220 ta' l-1998 jistghu jservu biss ta' gwida ghat-Tribunal, u dan peress li l-ligi pprovdiet espressament ghal hlas dovut lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni. Il-ligi ma ssemmi xejn dwar il-hlas li ghalih huwa ntitolat l-espert (igifieri l-Maltacom plc).

9. Wara li t-Tribunal qies ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz qieghed ighaddi biex jiffissa hlas *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80), bl-imghax jiddekorri mil-lum.

Spejjez tal-kawza jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghak-karigu tas-socjeta attrici, u kwart ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**